MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Numru 492/2014

Appell Numru: 492/2012

Il-Pulizija

Spettur Ramon Mercieca

Vs

Francesca Ciantar

Illum, 19 ta' Gunju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti Francesca Ciantar, detentrici tal-karta tal-Identita bin-numru 176476M talli:

Talli ghan-nom u in rappresentanza ta' FRANCESCA GAMBINA & Co. LIMITED u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqset sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud () id-denunzji, flimkin mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta' Awissu, 2010 sal-31 ta' Awissu, 2011 u dan bi ksur tal-artikolu 27, artikolu 66, u artikolu 76 (c ) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba tordna lil l-imputata sabiex tikkonforma ruhha mal-ligi fiz-zmien bizzejjed sabiex taghmel dan, liema zmien m'ghandux jeccedi tlett xhur, taht multa ta' mhux inqas minn erba ewro u hamsa u sittin centezmu u mhux iktar minn tlieta u ghoxrin ewro ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-18 ta' Ottubru, 2012, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 27, 66 u 76(c) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' disgha mitt Euro (€900.00).

Il-Qorti, b' applikazzjoni ta' l-artikolu 76 ta' l-istess Kapitolu 406 tordna lill-imputata sabiex fi zmien tlett xhur mill-llum tikkonforma ruhha mal-ligi u fin-nuqqas tehel multa ohra ta' hmistax Euro (€15.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien ta' tlett xhur.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Francesca Ciantar pprezentat fil-25 ta' Ottubru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha fejn sabitha hatja tal-imputazzjoni u minnha tilliberaha skond il-ligi. Minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax din l-Onorabbli Qorti hi mitluba tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena u/jew sanzjoni aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti Francesca Ciantar u cioe':-

Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti giet ikkastigata iktar minn darba ghal istess allegat 'nuqqas' u cioe meta b'mod awtomatiku is-sistema tal-VAT timponi imghaxx punittiv, jigu imposti multi amministrattivi, hekk kif ma jidhlux id-denunzji jew jidhlu minghajr il-hlas dovut, kif ukoll multi kriminali imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bis-sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2012;

Illi konsegwentement is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Ottubru, 2012 tikkostitwixxi ksur tal-principju ne bis in idem;

Illi ssir referenza ghall-kaz 'Ruotsalainen vs Finland' (Applikazzjoni nru. 13079/03) fejn gie stabbilit li:

".. In the case under consideration two measures were imposed on the applicant in two separate and consecutive sets of proceedings... The Court reiterates that the legal characterization of the procedure under national law cannot be the sole criterion of relevance for the applicability of non bis in idem under article 4/1 of Protocol No. 7. Otherwise the application of this provision would be left to the discretion of the Contracting States to a degree that might lead to result incompatible with the object and purpose of the convention...'

Illi inoltre meta b'mod awtomatiku gew imposti penalitajiet amministrattivi b'mod arbitrarju, dan ikkawza lezjoni ohra tad-dritt ta' smiegh;

Illi fit-tielet lok, il-mod ta' kif jigu mposti awtomatikament penalitajiet amministrattivi, imghax akkumulati u multi mposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), jikser il-kwistjoni ta' proporzjonalita` kif anki espost fil-kaz "Bulves vs Bulgaria" (Applikazzjoni Nru. 3991/03) fejn inghad li:

"the court reiterates that according to well-established case-law, an instance of interference, including one resulting form a measure to secure payment of taxes, must strike a 'fair balance' between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of this individual's fundamental rights... there must be a reasonable relationship of proportionality betwwen the means employed and the aims pursued .. However in determining whether this requirement hase been met, it is recognised that a contracting State, not least when framing and implementing policies in the area of taxation, enjoys a wide margin of appreciation, and the Court will respect the legislature's assessment in such matters unless it is devoid of reasonable foundation.."

Illi aggravju iehor hu li mill-assjem tal-provi in atti, ma hemm xejn li turi htija fil-konfront tal-appellanti wara kunflitt car u lampanti fil-provi. Dan ghaliex Tonio Ciantar xehed li socjeta ohra li r-rikorrenti hija wkoll direttrici taghha (Spells Limited) ghandha tieghu ammont sostanzjali ta' 'refunds' minghand id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fuq suggeriment ta' ufficjal tal-istess dipartiment, intalbet 'set-off' permezz ta' ittra. Fil-fatt Emanuel Darmanin xehed li ma kienx jaf bid-dettalji tat-talba ghal-'set off' u lanqas risposta ghal tali talba!;

Illi akkuza kriminali ghandha tkun specifikata u cara u fi kwalunkwe kaz ghandu jsir 'set-off' kif hu normali li jsir f'cirkostanzi simili ghal kaz odjern;

Illi inoltre jidher bic-car mill-provi u mill-fattispeci tal-kaz, li ma hemmx l-ghemil delittusz u anzi hemm id-diligenza mehtiega fir-rigward tat-taxxa inkluz bit-talba formali ghal 'set off';

Illi mix-xhieda mismugha mill-Ewwel Qorti jirrizulta kunflitt car u lampanti fil-verzjonijiet u konsegwentement f'kaz ta' kunflitt ta' provi jew dubbju ragjonevoli, dan ghandu jmur favur l-imputata.

Illi fil-fatt il-Kummissarju tat-taxxa fuq il-Valur Mizjud qatt ma stqarr li s-'set off' mitluba qed tigi michuda izda permezz ta' ittra datata 28 ta' Frar, 2011, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud rrisponda lis-socjeta Unistores li 'your request to offset credit funds in favor of the two related companies cannot be entertained at this time".

Illi konsegwentement ir-reat kif dedott fl-imputazzjoni ma jistax jikkonfigura fil-konfront tal-appellanti perress li ma jirrikorrux l-elementi kollha necessarji;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jehtieg li jkun hemm l-element intenzjonali. Dan hu ghal kollox nieqes fil-kaz odjern u dan ghaliex (a) fl-ewwel lok, l-elementi fattwali ma jirrizultawx sal-grad rikjest mill-ligi u minghajr pregudizzju, (b) il-hlas ried isir permezz ta' "set-off";

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena imposta mill-Ewwel Qorti hi esagerata u minghajr proporzjon ghall-fatti tal-kaz odjern;

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi l-appellanta hija diretrici tas-socjetà Francesca Gambina & Company Limited li hija holding company ta' zewg socjetajiet ohra u cioé Spells Limited u Unistores Services Limited. Is-socjetà ta' qabel cioé Spells Limited kellha tiehu ammont sostanzjali ta' "refunds" minghand id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u gie suggerit illi ssir tpacija. Però baqa' l-fatt illi d-denunzji ma gewx ipprezentati fil-hin u ghalhekk tressqet il-Qorti u b'sentenza moghtija fit-tmintax (18) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u ikkundannatha multa ta'disa' mitt ewro (€ 900), kif ukoll ordnat illi fi zmien tlett (3) xhur tikkonforma ruhha mal-ligi taht penali giornaljieri ta' hmistax-il ewro (€ 15).

L-appellanta hassitha aggravata minn din is-sentenza u minnha interponiet appell peress illi deherilha illi ma setghetx tigi ikkastigata darbtejn ghall-istess reat – darba b'mod awtomatiku mill-istess dipartiment darba jirrizulta dan id-dewmien u darba mill-Qorti.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi f'dawn ic-cirkostanzi japplika l-kaz ta' "double jeopardy" aktar u aktar meta rrizulta illi l-impozizzjonijiet ta' imghaxijiet punittivi mhumiex awtomatici. Xehedet però f'din il-kawza Connie Azzopardi in rapprezentanza tal-Kummissarju fejn dina qalet illi ghal dak li jirrigwarda s-socjetà Francesca Gambina and Company Limited id-denunzji dahlu izda minghajr hlas, li ghad-dipartiment, qisu ma dahal xejn. Però kien hemm perjodu fejn lanqas id-denunzji ma dahlu. Dawk pendenti gew iffirmati fit-tletin (30) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax

(2014) u dahlu d-dipartiment fl-erbgha (4) ta’ Frar tal-elfejn u erbatax (2014). Ghalhekk il-“cut off date” tal-multi giornaljieri huwa proprju din l-ahhar data tal- erbgha (4) ta’ Frar tal-elfejn u erbatax (2014). L-istess Tonio Ciantar li huwa r-ragel tal-appellanta xehed illi suppost kellhom jidhlu hames (5) denunzji, dahlu biss tnejn (2) minghajr pagament u meta saru jafu illi ma kinitx se ssir tpacija kif originarjament kienu talbu, dahhlu d-denunzji li kien ghad fadal fl-erbgha (4) ta’ Frar tal-elfejn u erbatax (2014). B’hekk ikkonferma d-dati li xehedet dwarhom Connie Azzopardi.

Ikkunsidrat:

Minn din ix-xhieda ghalhekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi fil-perjodu indikat fic-citazzjoni kien hemm nuqqas da parti tal-appellanta sabiex tipprezenta d-denunzji lill-Kummissarju tal-VAT. Mhuwiex raguni illi dawn id-denunzji ma jigux ipprezentati peress illi saret talba ghal tpacija. It-tpacija mhiex xi haga awtomatika illi topera biss b’dikjarazzjoni unilaterali, izda jrid ikun hemm l-accettazzjoni taz-zewg partijiet jew il-partijiet kollha li jkunu involuti fil-kaz. F’dan il-kaz, l-appellanta fehemet illi la darba ghamlet din it-talba kwindi ma kienx hemm ghalfejn tibghat dawn id-denunzji bil-hlas. Hawnhekk ghamlet hazin peress illi ma setghetx tassumi illi t-talba ghal tpacija kienet se tigi milqugha u d-denunzja bil-pagamenti bilfors kellhom jidhlu ghand il-Kummissarju tal-VAT fi zmien stipulat. Dan ma sarx u kwindi din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha b’dana però illi llum, bi zvilupp illi sar fil-mori ta’ dan l-appell, il-penali giornaljieri ghandhom jiefqu mhux aktar tard mill-erbgha (4) ta’ Frar tal-elfejn u erbatax (2014).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza fuq imsemmija bir-rizerva maghmula minn din il-Qorti dwar il-hlas tal-penali giornalieri.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------